MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1793/2003

**Rainbow Mix Concrete Limited**

**vs**

**Joseph Cardona**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u erbghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm449.94) rapprezentanti hlas fuq materjal tal-bini ordnat mill-konvenut u lilu debitament ikkonsenjat, skond kif jidher fuq il-prospett immarkat bhala Dok. A.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2003, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar invoice kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha Lm349.94 (tlett mija u disgha u erbghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata mill-konvenut fejn hu ammetta t-talba attrici kif ridotta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm349.94), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------